MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 1189/2013

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 2047/08 fl-ismijiet :-**

**Anthony Busuttil (ID645058M)**

***kontra***

**Anton Camilleri (ID228266M) proprio u a nom ta` A.M. Developments Limited C-18510**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li pprezenta Anton Camilleri fil-kwalita` tieghu premessa ("**<u>Camilleri</u>**") fl-<u>20 ta` Gunju 2014</u> li jaqra hekk –

*Illi fit-tlieta u ghoxrin ta` Dicembru elfejn u tmienja (23.12.2008) Anthony Busuttil ipprezenta quddiem din l-Onorabbli Qorti mandat ta` sekwestru bin-numru ta` referenza 2047/08 fil-konfront tal-esponenti proprio et nomine in kawtela tal-ammont ta` erbgha u sittin elf, tliet mija u hamsin euro (€64,350.00) – anness Dok. 'A' ;*

*Illi fit-tmienja ta` Jannar elfejn u disgha (8.01.2009) l-esponenti proprio et nomine ottjena l-hrug tal-kontromandat numru 18/09 wara li pprezenta garanzija bankarja ghall-ammont ta` €65,267.00 – anness Dokument 'B' ;*

*Illi l-imsemmi mandat ta` sekwestru gie segwit b`kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta` danni da liquidarsi (kopja tal-Avviz relattiv annessa u markata bhala Dokument 'C') arginata bil-kompetenza ratione valoris tal-istes Qorti tal-Magistrati (Malta) ossia sal-ammont ta` €11,646.86 oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-imghax ;*

*Illi skont is-sentenza fl-ismijiet Anthony Busuttil vs Anton Camilleri (ID228266M) u A.M. Developments Limited (C18510) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta` Settembru tal-2013, is-socjeta` esponenti giet ikkundannata thallas l-ammont ta` hamest elef u seba` mitt euro (€5,700) filwaqt li Anton Camilleri gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*Illi l-esponenti A.M. Developments Limited ipprezentat apell mill-imsemmija sentenza sabiex tottjeni c-cahda tat-talbiet attrici fil-konfront taghha, filwaqt li Anton Camilleri u Anthony Busuttil ma appellawx mill-imsemmija sentenza ;*

*Illi ghalhekk in pessima ipotezi, anki jekk l-Appell ta` A.M. Developments Limited jigi michud, l-esponenti A.M. Developments Limited l-iktar li ser tkun kostretta thallas huwa l-ammont ta` €5,700, bl-imghax u l-ispejjez, filwaqt li l-esponenti Anton Camilleri proprio m`ghandu jhallas xejn ;*

*Illi ghalhekk jigi sottomess illi l-mandat ta` sekwestru ottjenut minn Anthony Busuttil fil-konfront tal-esponenti proprio et nomine ghall-ammont ta` erbgha u sittin elf, tliet mija u hamsin euro (€64,350.00) sar kjarament b`malizzja u kien frivolu u vessatorju ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :-*

*1. Tikkundanna lil Anthony Busuttil sabiex ihallas lil kull wiehed mill-esponenti penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 stante li l-mandat ta` sekwestru numru 2047/08 sar kjarament b`malizzja u kien frivolu u vessatorju ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 ;*
*2. Tiddikjara li Anthony Busuttil, bil-hrug tal-mandat ta` sekwestru 2047/08, ikkaguna danni lill-esponenti proprio et nominee ;*

*3. Tillikwida d-danni kagunati minn Anthony Busuttil lill-esponenti proprio et nomine kif premess ;*

*4. Tikkundanna lil Anthony Busuttil ihallas id-danni likwidati ai termini tat-talba precedenti lill-esponenti proprio et nomine.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.*

Rat ix-xhieda ndikati mir-rikorrent u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat it-twegiba li pprezenta Anthony Busuttil ("**<u>Busuttil</u>**") fit-<u>18 ta` Dicembru 2013</u> li taqra hekk –

*1 Illi huwa rcieva l-atti ta` dan ir-rikors nhar is-17 ta` Dicembru 2013 tard wara nofsinhar u ghalhekk inghata inqas minn 24 siegha biex iwiegeb.*

*2 Illi it-talbiet odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li ser jidhru hawn imfissra.*

*2.1 Illi l-artikolu 836 huwa indikat fil-margini tieghu bhala "kontro-mandat". L-iskop tieghu huwa illi fil-kazijiet determinati mill-ligi, mandati kawtelatorji li b`xi mod spjegat f`dak l-artikolu, ikunu irregolari, jigu impunjati bi procedura ta` rikors li normalment jinstama` bl-urgenza.*

*2.2 Is-subartikolu 8 illi fuqu qed jibbazaw ruhhom ir-rikorrenti irid jittiehed fil-kuntest tal-artikolu 836 kollu kemm hu. Ghalhekk huwa sottomess illi sabiex ikun jista` jigi adoperat dan l-artikolu, irid ikun hemm qabel xejn talba ghar-revoka tal-mandat ilmentat.*

*2.3 F`dan il-kaz ma hemmx din it-talba u ma jistax ikun hemm din it-talba billi l-mandat in kwistjoni kien fil-fatt gie mnehhi in forza ta` kontromandat 18/2009. Dan il-kontromandat inhareg f`Jannar 2009, cioe` cirka 4 snin ilu. Il-kontromandat kien inhareg wara li kienet saret garanzijja bankarja ghall-ammont sekwestrat, u l-esponent kien ta l-kunsens tieghu ghat-thassir tal-mandat. In vista ta` dawn il-fatti hija s-sottomissjoni tal-esponenti illi ir-rimedju mitlub, li ghandu jkun abbinat ma talba ghat-thassir ta` mandat, mhux applikabbli.*

*2.4 Effettivament din is-sitwazzjoni hija perfettament regolata mis-subartiklu 7 tal-istess artiklu li jitkellem fuq meta mandat ikun thassar minhabba il-prezentata ta` garanzija skond is-subinciz (1) (e) tal-istess artikolu. F`kaz bhal dak, il-legislatur ipprovda korrettement illi jekk mandat ikun thassar minhabba li saret garanzijja, xorta wahda il-persuna kolpita mill-mandat ghanda d-dritt titlob lill-Qorti sabiex din tinvestiga il-legalita` tal-mandat (minkejja li ikun gja thassar) u taghti rimedji bhala per ezempju it-tnaqqis tal-garanzija jew it-tnehhija taghha ghal kollox. Imkien fis-subartiklu 7 ma jissemmew penali jew danni, u dana ghar-raguni illi l-mandat ikun gja` tnehha, u bir-riduzzjoni jew tnehhija tal-garanzija ikun intlahaq il-bilanc gust bejn il-partijiet.*

*2.5 Huwa ghalhekk sottomess illi f`dan il-kaz, fejn il-mandat gie mhassar, minhabba d-depozitu ta` garanzija, ir-rimedju kellu jkun dak taht is-subartklu 7.*

*2.6 Huwa evidenti illi hawn qed tintuza tattika oskura. Ir-rikorrent ghal erba` snin shah WARA li tnehha l-mandat ma ha l-ebda azzjoni konsentita specifikatament lilhu mill-ligi. Qaghad jistenna l-ezitu tal-kawza, u meta tilifha, issa irrikorra ghal din l-istratagemma sabiex ipaci u anki jissupera dak illi rebahlu l-esponent. Hawn irid jinghad illi mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ir-rikorrent appella. Il-ghala m`ghamel xejn ir-rikorrent ghal 4 snin shah biex titnaqqas il-garanzijja per eżempju? Jekk dan qed jippretendi li bata danni (li se mai iridu jigu ppruvati), x`ghamel ir-rikorrent biex jimminimizzahom? Huwa veru jew le, illi li kieku dan tassew kien qed ibaghti danni, dan kien qabel xejn obbligat jiehu dawk il-mizuri biex id-danni jitnaqqsu kemm jista` jkun ?*

*3. Jekk ghall-grazzja u ghall-kompletezza tal-argument, jinghad illi s-subartikolu 8 tal-artiklu 836 jista` japplika ghall-kaz odjern, tista` tassew il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-esponent mexa b`mod frivolu jew vessatorju ?*

*3.1 Il-paragrafu (d) tas-subartiklu 8 isemmi "jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja." L-esponent qed jifhem illi t-talba hija dik li tkun qeghda ssir fil-mertu. Hawn issir riferenza ghal dan l-insenjament :*

*Dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara huwa jekk il-konvenut kellux prima facie bazi guridika li fuqha setgha jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta` persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma` l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu. [Visual And Sound Communications Limited Vs Camilleri, Prim` Awla, Pace, J. 28/02/2002]*

*3.2 Ghandu jirrizulta car, illi fil-mument li nhareg il-mandat l-esponent in bona fides kien tal-fehma illi ghandu d-dritt ta` azzjoni kontra r-rikorrenti, u dan in fatti huwa kkwantifikah permezz ta` prospett anness mal-istess mandat [ Haga li ma tantx issir f`mandati kawtelatorji izda li l-esponent ghamilha biex juri fuq xhiex kien qed jibbaza l-pretensjoni tieghu] li jinsab ukoll fl-atti ta` dan ir-rikors.*

*3.3 Li gara huwa li wara li kien tnehha l-mandat fit-12 ta` Jannar 2009, u t-terminu ghal-prezentata tal-kawza kien gie estiz xi ftit drabi bit-tama li jkun hemm ftiehim bonarju, l-esponent kien fetah il-kawza (li s`issa rebah almenu fil-prim istanza) ghal somma li tirrientra fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, u dana fuq parir legali, biex kemm jista` jkun wiehed jillimita l-ispejjez, u jhaffef il-proceduri. B`danakollu meta sar il-mandat, l-esponent ma kellu l-ebda dubbju li ghandu causa litigandi fuq l-ammont kollu tal-mandat. Il-*

*fatt li tassew kellu din il-pretensjoni huwa vindikat mill-fatt li almenu fil-prim istanza huwa rebah.*

*3.4 Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti in materja, dan mexa skond id-dritt li taghtih il-ligi biex jikkawtela l-pretensjoni tieghu, sabiex mhux biss jigi ripristinat flat li kien qed jigi rrovinat mit-traskuragni u l-arroganza tar-rikorrenti (haga riskontrata mill-Qorti li semghet il-kawza), izda ried jikkawtela it-telf ta` kera (lucrum cessans) li dan l-agir kolpuz ghall-ahhar tar-rikorrenti kien ikkawzalu.*

*4. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu illi huma t-tnejn (kemm proprio u nomine) ghandom jirbhu penali u danni, izda jinghad illi meta inhareg il-kontromandat, ma sarux zewg garanzijji ghall-zewg ammonti, izda garanzija wahda ghal ammont wiehed.*

*4.1. Ma hemm xejn fl-atti tar-rikors li jista` jindika kemm lill-esponent u lilll-Onorabbli Qorti x`danni setghu sofrew ir-rikorrenti bit-tqeghid ta` garanzija.*

*<u>Konkluzjoni</u>*

*Din il-Qorti ghalhekk ghandha tiddeciedi illi it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll u specjalment fid-dritt u li tichadhom bl-ispejjez.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Anton Camilleri u d-dokumenti li kienu anness maghha.

**Rat illi sal-24 ta` Jannar 2014, dan il-procediment kien qieghed jinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta.**

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata sabiex tkompli tinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta.**

Semghet ix-xiehda ta` Anton Camilleri fis-seduta tat-12 ta` Mejju 2014.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Anthony Busuttil.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta Camilleri.

Semghet is-sottomissjonijiet finali fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Sintesi tal-provi

**Anton Camilleri** xehed illi huwa direttur tal-kumpannija A.M. Developments Limited. Il-kumpannija kienet zviluppat blokk ta` appartamenti bl-isem “Sunflower Court” fi Triq l-Imghazel, Swieqi u kienet bieghet l-appartament nru 5 lil Anthony Busuttil. Il-kumpannija kienet zammet il-proprjeta tal-penthouse li tigi fuq l-appartament ta` Busuttil. Ghal habta tal-2008, Busuttil beda jilmenta li kien qed jidhol l-ilma mill-penthouse. Allega wkoll li kien sofra danni ghaliex kellu xi inkwilni li kellhom johorgu mill-appartament tieghu. Fit-23 ta` Dicembru 2008, Busuttil ipprezenta rikors ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra l-kumpannija u kontra tieghu personalment ghal € 64,350. Il-mandat hareg b`ordni tal-qorti.

Camilleri jilmenta mill-fatt illi l-mandat hareg kontra tieghu personalment meta Busuttil kien jaf li l-penthouse kienet propjeta` tal-kumpannija. Hekk irrizulta meta Busuttil xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza civili ghad-danni. Il-Qorti tal-Magistrati lliberat lilu personalment mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk il-mandat prezentat kontra tieghu kien malizzjuz, frivolu u vessatorju.

Camilleri jilmenta wkoll mill-fatt li filwaqt li d-danni li akkordat il-Qorti tal-Magistrati kienu jammontaw ghal €5,700, is-sekwestru hareg biex jikkawtela ammont ta` €64,350.

Kompla jixhed illi Busuttil ma kienx appella mis-sentenza waqt li hu appella. Ighid li l-aghar ipotesi ghalih jekk il-Qorti tal-Appell tikkonferma tkun li jithallas aktar imghax fuq l-ammont ta` €5,700.

Ighid li mandate ikkagunalu hafna hsara. Kien kostrett jaghmel garanzija bankarja, li kienet spiza inutili ghalih, tenut kont ta` dak li kien deciz mill-Qorti.

L-ispiza tal-garanzija swietlu € 1,044.27 kull sena ghal hames snin. Saret f`Jannar 2010 u baqghet valida sal-14 ta` Jannar 2015. Inoltre l-imghax fuq il-flus li kienu qeghdin jaghmlu garanzija.

**Anthony Busuttil** xehed illi l-problemi fl-appartament tieghu ma bdewx fl-2008 izda hafna qabel. Camilleri kien ighaddih biz-zmien kontinwament u taparsi jaqla xi maduma `l hawn u `l hemm izda ma rrisolva xejn mill-problema tad-dhul tal-ilma li kien qieghed isofri. Fl-ahhar Camilleri baghat lil Perit Godwin Abela li ordna lil Camilleri biex jaqla` kollox u jaghmel *waterproofing* mill-gdid. Ghal habta ta` nofs Novembru 2008, huwa kien kostrett itemm il-kirja ta` l-appartament ghaliex kien sar inabitabbli ; tilef dhul ta` € 950 fix-xahar.

Ighid illi wara li hareg il-mandat, iz-zmien tal-presentata tal-kawza kien estiz numru ta` drabi sa ma fl-ahhar Camilleri ddecieda li jaghmel x-xoghol rimedjali. Mar il-perit tieghu fuq l-post u waqt laqgha li saret fil-5 ta` Frar 2009, Camilleri accetta r-responsabbilita` ghal hsarat u beda jsewwi. Sa Marzu 2009, saru t-tiswijiet izda ghalkemm dawn saru, Camilleri rrifjuta li jhallsu kumpens ghat-telf ta` kera li kien garrab. Ghalhekk saret il-kawza civili ghad-danni quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Meta saret din l-kawza f`Mejju 2009, il-mandat kienu ilu li tnehha.

Fisser li huwa qatt ma gie avvicinat sabiex inaqqas l-garanzija. Il-mandat hareg ukoll kontra Camilleri personalment fuq parir legali.

**III. Sintesi tas-sottomissjonijiet**

**1) Camilleri**

Jissottometti li Busuttil kien jaf hu personalment ma kellu x`jaqsam xejn mal-kwistjoni tad-danni li allega li garrab ghaliex kien jaf li l-*penthouse* kienet tal-kumpannija A.M. Developments Limited. Busuttil ma ta l-ebda spjegazzjoni ghaliex iddecieda illi jaghmel l-mandat fil-konfront tieghu personalment ukoll. Ghalhekk intalab il-hlas tal-penali skond l-Art 836 tal-Kap 12.

Il-kawza civili ghad-danni saret kontra taghhom it-tnejn. Huwa personalment kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-kumpannija biss instabet responsabbli ghad-danni u ordnat thallas danni. Il-quantum tal-mandat ma kellu qatt jaqbez il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati li hija ta` €11,000. Ladarba Busuttil ma kienx appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, il-penali u d-danni huwa dovuti.

**2) Busuttil**

Busuttil jikkontendi li t-talba ta` Camilleri hija irrita u nulla ghaliex l-Art 836(8) huwa mprexxindibilment marbut ma` talba ghar-revoka tal-mandat.

Ir-rimedju ta` Camilleri kien skond l-Art 836(7).

Camilleri qatt ma talab ir-riduzzjoni tal-garanzija.

Meta saret il-kawza ghad-danni, il-mandat kien diga` tnehha billi kienet saret il-garanzija.

Id-decizjoni ghaliex l-mandat sar kemm kontra Camilleri personalment kif ukoll kontra l-kumpannija tieghu kien ghaliex skond l-Art 13 tal-Kap 249, meta reat ikun kommess minn socjeta`, id-diretturi huma responsabbli wkoll civilment. Anke ghalkemm il-kawza saret kontra t-tnejn. Meta kien prezentat il-mandat, kien prezentat wkoll prospett tad-danni.

Id-danni ma baqghu jikbru ghaliex Camilleri ddecieda li jaghmel ix-xogholijiet.

Sabiex il-Qorti tara jekk l-mandat kienx vessatorju jew le trid tqis meta jkun sar il-mandat u jekk it-talba ghall-hrug tal-mandat kenitx ragonevoli inkella le. Fil-kaz tal-lum, il-mandat sar fuq bazi legali fondata u teskludi malizzja, frivolozita` u vessatorjeta`.

**IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**1) <u>Dritt</u>**

Tajjeb li r-riferenzi li ghamlu l-partijiet ghal xi subincizi tal-**<u>Art 836 tal-Kap 12</u>** jigu nkwadri fl-assjem tad-disposizzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tifferei ghad-disposizzjoni kollha li taqra hekk :-

*(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista` jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista` jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l- att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f`parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin :*

*(a) li l-att kawtelatorju m`għadux iktar fis-seħħ ;*

*(b) li waħda mill-htigijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti ;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l- pretensjoni ta` min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta` att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista` għas- sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il- pretensjoni ; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv ; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed ; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*(2) Il-persuna li tagħmel ir-rikors skont is-subartikolu (1) għandha, flimkien mar-rikors, tippreżenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta.*

*(3) Ir-rikors, ħlief għal xi rikors skont is-subartikolu (1)(a), għandu jiġi notifikat lill-parti kontra li tista`, fi żmien sebat ijiem min-notifika, tippreżenta nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta.*

*(4) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors b`urġenza jew in camera jew wara s-smigħ tal-avukati tal-partijiet, jekk jidhrilha xieraq, iżda ma tiġix iffissata iktar minn seduta waħda għal dan il- għan.*

*(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista` jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta` dak l- att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta` qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta` att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu għandhom, ma` dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta` dak ir-rikors.*

*(6) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 831(4) għandhom jgħoddu għad-digriet maħruġ taħt is-subartikolu (1)(a).*

*(7) Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il- kontromandat taħt id-disposizzjonijiet ta`*

*dan l-artikolu tkun għadha tista`, fuq talba li ssir b`rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista` wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f`liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur.*

*(8) Il-qorti tista` tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċentezmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f`kull każ minn dawn li ġejjin :*

*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-ligI ;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b`xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizżejjed : Iżda d-disposizzjonijiet ta` dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta` urġenza għall-ħruġ tal-mandat ;*

*(c) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew ;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta` qabel dan, il- qorti tista`, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju,*

*tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f`kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta` kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta` din l-azzjoni.*

**2) <u>Gurisprudenza</u>**

Fis-sentenza li tat fit-13 ta` Marzu 2001 fil-kawza "**<u>Joseph Rapa vs Raymond Sammut</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*Is-subinciz (a) tal-artikolu 836 jipprovdi illi, fil-kazijiet elenkati fis-subinciz 8 fosthom dik fejn ir-rikorrent ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi, l-Qorti tista` "meta ssir ic-citazzjoni l-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat ..."*

*Is-subinciz 8 tal-istess artikolu jipprovdi illi fil-kazijiet elenkati, fosthom allura dan taht ezami fejn qed ikun allegat li r-rikorrent ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi "Il-Qorti tista` tikkundanna lill-istess rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta` mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju ...."*

*Hu immedjatament ovvju minn ezami komparattiv ta` dawn iz-zewg subincizi illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-kundanna ghall-hlas ta` penali li l-Qorti timponi fuq talba tal-persuna li kontra taghha jkun hareg il-mandat kawtelatorju li ma jkunx gie segwit b`kawza, u l-azzjoni proposta mid-debitur ezekutat kontra l-kreditur ezekutant ghall- likwidazzjoni u hlas ta` danni minnu*

*sofferti bhala konsegwenza tan- nuqqas tal-istess kreditur li jiddeduci l-pretensjoni tieghu fit-terminu statutorjament stabbilit. Filwaqt li f`dan l-ahhar kaz ir-rimedju moghti lill- persuna esposta ghall-effetti ta` mandat kawtelatorju li jkun sar skond il- ligi inutilment biex jigi rizarcit id-danni, kellu jigi espressament ezercitat permezz ta` citazzjoni, fl-ewwel kaz fejn il-Qorti tigi mitluba timponi penali – sanzjoni din ghal kollox distinta u awtonoma minn dik ta` hlas ta` danni tant li hu facilment koncepibbili illi tista` tigi mposta l-penali anke fil-kaz fejn ma jkunux irrizultaw danni rejali u attwali – l-ligi tipprovdi biss li kellu jkun hemm talba lill-Qorti. It-terminu "talba" timporta l-anqas forma solenni li biha persuna setghet tadixxi lill-Qorti biex minghandha tircievi l-haqq. It-talba tista` tkun skritta, li formalment tissejjah rikors, u tista` wkoll tkun verbali meta bhala regola tigi mill- Qorti verbalizzata in atti.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/TM**) fit-18 ta` Settembru 2002 fil-kawza "**John Zarb vs Port Cottonera Limited**" inghad hekk :–

*Fil-waqt li jista` jkun li c-cirkustanzi ta` meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, ir-responsabbilita` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b`mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b`imprudenza, b`negligenza jew mhux bil-hsieb ta` bonus pater familias.*

*Ghalhekk ghandhom japplikaw is-segwenti principji :*

*1. Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f`dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista` jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

*2. Tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*

*3. Il-fatt li t-talba ta` min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi, interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*4. Tali abbuz jigi riskontrat biss f`kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f`kazijiet ta` vessatorjeta` nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza, fejn min ikun agixxa lill-Qorti ghall-hrug ta` tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti li jkunu minghajr ebda fondament la fil-fatt u lanqas fid-dritt u li jintwerew bhala vessatorji. Madanakollu apprezzament zbaljat tal-fatti li fuqhom tkun bazata azzjoni u tal-konsegwenzi guridici derivanti mhux bizzejjed sabiex jillegittima talba ghad-danni da parti tar-rebbieh tal-kawza.*

*5. Dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta` vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta` azzjoni gudizzjarja. Id-dritt jieqaf fejn jibda l-abbuz. Min jagixxi in mala fede jew in segwitu ghal zball grossolan jista` jigi kkundannat ihallas id-danni lill-avversarju tieghu.*

*Minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikolu, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta` mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f`kazijiet ta` mala fede, vessatorjeta` u negligenza grossolana.*

*Tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni, dejjem fil-kuntest u b`konsegwenza ta` dritt ta` azzjoni, pero` in verita` u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta` mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess Artikolu 836 (9). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta` qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta` azzjoni ta` danni wara l-hrug ta` mandat*

*kawtelatorju, u minn ezami ta` l-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficili li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess Artikolu 836, fejn l-azzjoni in generali tista` tirnexxi.*

*Ghalhekk ir-responsabbilita` ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali ssib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b`zieda li tista` wkoll tiddependi mill-vessatorjeta`a u/jew il-mala fede ta` dak li jkun nieda dawk il-proceduri ai termini tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16.*

*Hawnhekk il-Qorti irriteniet li l-intimat kellu prima facie bazi guridika li fuqha seta` jagixxi u s-somma kawtelata ma kienetx tidher prima facie eccessiva ghalhekk il-qorti qieset li ma kienx hemm lok li tigi imposta garanzija skond l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

**3)** **<u>L-eccezzjoni tal-irritwalita` u nullita`</u>**

Busuttil jikkontendi li qabel jirrikorri ghall-Art 836(8) Camilleri kellu jitlob ir-revoka tal-mandat. Ghalhekk il-procedura tentata minnu hija irrita u nulla.

Minn ezami tad-disposizzjoni, jidher li din hija procedura awtonoma u indipendenti. Il-persuna interessata, u cioe` il-persuna li kontra taghha jkun hareg il-mandat, ghandha l-jedd illi taghmel talba lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-persuna li jkun kiseb il-hrug tal-mandat li thallas penali. Hija ghazla tal-Qorti timponix penali tkun tissussisti xi cirkostanza kontemplata mil-ligi.

Fil-procediment li kien deciz minn din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) fit-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**<u>Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr. Lillian Calleja</u>**

**<u>Cremona</u>**" l-attur talab l-imposizzjoni ta` penali skond l-Art 836(8) bla ma talab ir-revoka tal-mandat. Fil-provvediment taghha, il-Qorti tqalet hekk :-

*Illi applikati dawn il-principji ghal-kaz de quo jirrizulta li fl-ewwel lok wiehed jinnota li l-kawza attrici hija ristretta fit-talbiet taghha ghal dak li huma penali kontemplati fl-<u>Artikolu 836 (8) tal-Kap 12,</u> liema talba setghet tigi mressqa b`rikors skond l-istess subartikolu u mhux biss permezz ta` citazzjoni, ghalkemm f`dawn ic-cirkostanzi ma jidhirx li n-nuqqas tas-socjeta` attrici li tistitwixxi din it-talba b`rikors timponi xi nullita` tal-azzjoni odjerna, u fil-fatt tali nullita` lanqas giet eccepita mill-konvenuta ; dan ma jhassar xejn mid-dettami gurisdizzjonali li jghid li fejn in-nullita` hija dettata mil-ligi ma hemm xejn x`jimpedixxi lill-Qorti li tqajjem il-punt ta` nullita` ex officio, stante li r-regoli ta` procedura huma ta` ordni pubbliku. Pero` fic-cirkostanzi ma thoss li dan huwa l-kaz, u ghalhekk din il-kawza ma hijiex ser tigi deciza fuq dan il-punt, anke ghaliex l-istess subartikolu ma jistipulax ad validitatem kif tista` ghandha ssir din it-talba, u dan kontrarjament ghal dak li hemm ritenut fl-<u>Artikolu 836(9)</u> dwar l-azzjoni ta` danni naxxenti mill-istess ragunijiet li jaghtu lok ghat-talba ghall-penali skond l-Artikolu 836(8).*

Din l-Qorti taghmel taghha din l-impostazzjoni tal-istat tad-dritt anke ghaliex tghodd bis-shih ghall-eccezzjoni sollevata minn Busuttil.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-irritwalita` u nullita`.**

**4) <u>Mertu</u>**

Camilleri ressaq zewg talbiet :-

a) il-kundanna ta` Busuttil ghall-hlas ta` penali skond l-Art 836(8) ghaliex skond hu l-mandat sar b`malizzja, kif ukoll kien frivolu u vessatorju ;

b) dikjarazzjoni li Busuttil kien responsabbli ghall-hlas tad-danni li garrab bil-hrug tal-mandat.

**<u>Din hija kronaka fil-qosor tal-fatti saljenti</u>** :-

Jirrizulta illi l-mandat ta` sekwestru nru 2047/2008 fl-ismijiet *Anthony Busuttil vs Anton Camilleri proprio u a nom ta` AM Developments Limited* kien epprezentat fil-23 ta` Dicembru 2008.

Jirrizulta li l-ammont kawtelat kien jammonta ghal €64,350.

Jirrizulta li mar-rikors Busuttil ipprezenta prospett fejn ikkwantifika d-danni li kien qieghed jippretendi.

Jirrizulta li fid-9 ta` Jannar 2009, Camilleri pro et noe ipprezenta rikors ghall-hrug ta` kontromandat u mar-rikors pprezenta garanzija bankarja li ghamlet il-kumpannija.

Ma tirrizultax oggezzjoni da parti ta` Busuttil ghall-hrug tal-kontromandat.

Jidher illi in segwitu l-kumpannija ta` Camilleri accettat li taghmel tiswijiet.

Jirrizulta li fit-22 ta` Mejju 2009, Busuttilipprezenta kawza ghad-danni fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra Camilleri pro et noe. Id-danni ma kellhomx jeccedu l-€11,646.87 u cioe` il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Jirrizulta li l-kawza kienet deciza fit-30 ta` Settembru 2013. Camilleri de proprio kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju waqt illi Camilleri nomine kien ordnat ihallas danni fl-ammont ta` €5,700.

Camilleri pro et noe pprezenta r-rikors tal-lum fil-11 ta` Dicembru 2013.,

Dan premess, sabiex il-Qorti tasal biex tiddeciedi jekk il-fattispeci ta` dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom fil-parametri stabbiliti mil-ligi sabiex il-Qorti tordna l-hlas ta` l-penali, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-esposizzjoni tal-principji tad-dritt li saru fil-kawza "**John Zarb vs Port Cottonera Limited**" (op. cit.)

Huwa principju generali li min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li jkun responsabbli ghal hsara li bhala konsegwenza jista jbati haddiehor – *qui suo iure utitur non videtur damnun facere*.

Madanakollu dan id-dritt m`ghandux ikun abbuzat. Hafna drabi dan l-abbuz jirrizulta f`kazi eccezzjonali, u dan dejjem meta jkun hemm vessatorjeta' li titwieled minn mala fede manifesta, jew dolo, jew negligenza gravement kolpuza. Dawn ic-cirkostanzi jirrizultaw meta l-mandat ikun minghajr ebda fondament ta` fatt jew ta` dritt.

L-apprezzament zbaljat tal-fatti li fuqhom tkun bazata l-azzjoni u tal-konsegwenzi guridici li jista` jkollha mhumiex bizzejjed sabiex jillegittimaw talba ghal danni. Dan l-ahhar principju huwa mbaghad bbazat fuq il-fatt li l-element ta` vessatorjeta jimplika abbuz tad-dritt ta` l-azzjoni gudizzjarja. Id-dritt jieqaf fejn jibda l-abbuz. Huwa min jagixxi in mala fede jew in segwitu ghal zball grossolan li jista` jigi kkundanat ihallas id-danni.

Abbazi tal-fatti akkwiziti, jirrizulta li meta Busuttil pprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat, ma kienx qed jimxi b`malizzja, jew b`mod frivolu inkella b`mod vessatorju. Il-fatt illi wara l-hrug tal-mandat, il-kumpannija accettat li taghmel it-tiswijiet rimedjali li kienu mehtiega fil-penthouse sabiex ma jibqax jipperkola l-ilma fil-flat ta` Busuttil hija prova li dak li wassal lil Busuttil ma jipprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat ma kienx bl-ebda motivat minn karenza ta` bona fede taht xi sembjanza jew ohra.

Jirrizulta li l-mandat baqa` fis-sehh mit-23 ta` Dicembru 2008 sad-9 ta` Jannar 2009.

Irrizulta wkoll li Busuttil ma rregistrax opposizzjoni ghall-hrug tal-kontromandat.

Din il-Qorti tinnota li l-garanzija bankarja saret mill-kumpannija mhux minn Camilleri de proprio. Il-garanzija saret ghall-interess tal-kumpannija biss mhux ta` Camilleri de proprio wkoll. Ghalhekk meta saret ir-revoka tal-mandat fil-konfront ta` Camilleri de proprio u nomine, Camilleri de proprio ma baqax igarrab konsegwenzi bhala effett tal-hrug tal-mandat.

Skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Busuttil instab li garrab danni f`ammont inferjuri ghall-ammont indikat fil-garanzija. Il-qorti sabet illi kienet il-kumpannija responsabbli ghall-hlas tad-danni.

Din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi l-fatt li d-danni likwidati kienu inferjuri ghat-talba tal-mandat ma jaghmilx minn dik it-talba wahda malizzjuza, frivola jew vessatorja.

**Din il-Qorti ma ssibx li jirrizultaw ir-rekwiziti tal-Art 836(8)(d) kemm fil-konfront ta` Camilleri de proprio kif ukoll nomine.**

Dwar id-danni.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-25 ta` Mejju 2005 fil-kawza "**Paul Attard vs Loreto Abela**" :–

*" ... Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta` kwestjonijiet ta` din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn żmien ghal żmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista` jitqies li jkun sehh abbuż mill-process gudizzjarju bi hsara ghal*

*haddiehor. F`dan id-dawl ta` min jghid li "non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente **il diritto** che egli intendeva cautelare, **essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto** al che rispondeva la parola `pretensione`";*

…

*Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f`kazijiet eccezzjonali li, x`aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal- pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta` agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F`dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta` Mandat kawtelatorju jista` jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba` cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b`imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta` hsieb ta` missier tajjeb tal-familja;"*

Anke ghar-ragunijiet diga` fuq imfissra, din il-Qorti tghid illi ma rrizultax li Busuttil mexa hazin meta pprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat.

Din il-Qorti ma ssibx li pproceda b`imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta` hsieb ta` *bonus pater familias*.

**Busuttil ikkawtela l-jeddijiet tieghu bi procediment li taghti l-ligi. Sostna l-pretensjoni tieghu bil-gurament – anke billi pprezenta prospett fejn sostna l-quantum ta` dak li kien qed jippretendi.**

**Wara l-hrug tal-mandat, Camilleri accetta li jaghmel ix-xogholijiet rimedjali li kienu mehtiega sabiex itemm darba ghal dejjem id-dhul tal-ilma fil-fond ta` Busuttil, kwistjoni li kienet il-pern ghala Busuttil wasal biex talab il-hrug tal-mandat.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi :-**

**Tichad l-eccezzjoni tal-irritwalita` u nullita` sollevata minn Anthony Busuttil.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-istess Anthony Busuttil.**

**Tichad it-talbiet ta` Anton Camilleri proprio et nomine.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------